# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 13**

**Rikors numru 244/2015/1 JZM**

**Raymond Cordina u martu Margaret Cordina**

**v.**

**Simon Attard**

1. Dan huwa appell wara kawża mibdija mill-atturi appellanti permezz ta' liema talbu sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' tmintax-il elf ewro (€18,000). L-atturi ppremettew li huma kienu sellfu l-ammont ta' għoxrin elf ewro (€20,000) lill-konvenut li kien qalilhom li kien ser jinvestihom f'negozju li kien ser jiftaħ ma' terz injot, u għalhekk ġie miftiehem illi s-somma mislufa kellha tiġi mħallsa lura permezz ta' pagament ta' elf ewro (€1,000) kull xahrejn, oltre l-imgħax kummerċjali.

Skont l-atturi l-konvenut għamel biss żewġ pagamenti skont kif miftiehem iżda mbagħad waqaf iħallas għaliex qalilhom li s-sieħeb fin-negozju tiegħu kien ħarab minn Malta u hu ma kellux minn fejn iħallas lura l-ammont li kien ġie misluf mill-atturi.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> " 1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta` Artikoli 167 et sequentia tal-Kodici ta` Procedura u Organizzazzjoni Civili;
> 2. Tiddikjara li l-intimat huwa debitur versu l-atturi fis-somma ta` tmintax-il elf Euro (€18,000);
> 3. Tordna lill-intimat ihallas lill-atturi fis-somma hawn fuq dikjarata dovuta lilhom kif premess.
> Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-2 ta` Novembru 2014, kif ukoll l-ittra ufficjali bil-procedura taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta datata 3 ta` Frar 2015 kontra l-istess intimat, u bl-interessi skont il-ligi mit-22 ta` Ottubru 2013 sal-pagament effettiv kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."

3. Il-konvenut eċċepixxa, *inter alia,* (1) li huwa ma silef l-ebda somma ta' flus lill-attur, (2) li m'għandu jagħti xejn lill-atturi anke għaliex ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejniethom, (3) li mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attrici, u (4) li teżisti biss relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u terzi li hi kolpita b'*causa illecita.*

4. Permezz tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Ottubru 2016 ġie deċiż hekk:

> "Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza, billi filwaqt li qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, qeghda tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kollha kontra l-atturi."

5. L-atturi ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-18 ta' Novembru 2016 permezz ta' liema ressqu żewġ aggravji mis-sentenza appellata.

6. Il-konvenut ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-3 ta' April 2017 permezz ta' liema eċċepixxa illi l-appell tal-atturi huwa null u ssottometta li għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

7. Il-konvenut jissottometti li l-appellant ma għamel ebda talba fir-rikors tal-appell la għal revoka jew riforma tas-sentenza appellata. Lanqas biss talab li jintlaqa' l-appell tiegħu.

8. Għalkemm il-Qorti b'digriet tal-11 ta' Jannar 2022 ordnat lill-appellant jirregola ruhu skont l-Artikolu 143(5) tal-Kap. 12, l-appellant naqas li jinnotifika lill-appellat bir-rikors li ressaq għal dan l-iskop nonostante li għaddew diversi xhur u b'digriet tal-21 ta' Novembru 2022 il-Qorti ssollećitat lill-appellant jottempera ruħu. Għalhekk b'digriet tal-14 ta' Diċembru 2022 il-Qorti rrevokat id-digriet tagħha tal-11 ta' Jannar 2022.

**Ikkonsidrat:**

**L-eċċezzjoni tan-nullità tar-rikors tal-appell**

9. Permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut jirrileva li fir-rikors tal-appell tal-atturi ma hemm l-ebda talba, la għall-akkoljiment tal-appell, la għar-revoka tas-sentenza u lanqas għar-riforma tagħha. Isostni li din il-karenza assoluta ta' talba fir-rikors tal-appell mhijiex sanabbli u timporta n-nullità tiegħu. Skont il-konvenut mhuwiex ċar dwar x'hiex ser tiddeċiedi din il-Qorti meta m'għandha l-ebda talba quddiemha.

10. Din l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut hija bbażata fuq l-Artikolu 142(2) tal-Liġijiet ta' Malta, skont liema r-rikors tal-appell "għandu jkun fih t-talba għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta' xi parti minnha." Il-Qorti tosserva li dan mhux każ fejn l-eċċezzjoni ta' nullità hija bbażata fuq il-fatt li l-appellanti ma wżawx il-kliem preċiżi li jissemmew l-Artikolu 142(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, f'liema każ din il-Qorti ġeneralment dejjem tagħlaq għajn waħda u taċċetta r-rikors tal-appell kif redatt. Dan huwa każ ta' karenza assoluta ta' talba. L-atturi għamlu espożizzjoni tat-talbiet attriċi fir-rikors promotur, is-sentenza appellata u l-aggravji tagħhom minnhom, iżda ma talbu assolutament xejn lil din il-Qorti, b'mod illi r-rikors tal-appell tal-atturi għandu iktar sura ta' nota ta' sottomissjonijiet milli rikors tal-appell.

11. L-appellat ma speċifikax taħt liema kap ta' nullità ndikat fl-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jagħti din l-eċċezzjoni. Il-Qorti tqis però li l-kawżali ta' nullità applikabbli f'dan il-każ hija dik indikata

fl-artikolu 789 (1)(d). F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Benny Borg Bonello noe v. Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur u d-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)** (Appell, 29/10/2019) fejn ġie spjegat li:

> "id-distinzjoni bejn nullità mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarità essenzjali" u mhux partikolarità kwalsijasi. Biex partikolarità f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;"

12. Fil-fehma ta' din il-Qorti m'għandux ikun hemm dubju illi t-talba hija partikolarità essenzjali f'rikors tal-appell. Fl-assenza assoluta ta' talba l-Qorti m'għandha xejn x'tilqa' jew tiċħad, u għalhekk tkun tinstab fl-impossibilità li tagħti sentenza dwar il-vertenza bejn il-partijiet skont il-liġi, u dan in-nuqqas huwa ta' gravità tali li ma jistax jissewwa taħt xi dispożizzjoni tal-liġi. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Buttigieg et noe v. Malcolm J. Naudi et noe** (Appell, 12/03/2010) fejn fuq dan l-istess punt intqal illi:

> "M'hemmx dubju illi r-rikors introduttiv ta' l-appell hu karenti minn dan l-element essenzjali ghall-kwalifikazzjoni tieghu bhala att inkwadrabbli fil-fattispeci guridika skond ilpredett Artikolu 142 (2). Dan fis-sens li hu priv ghal kollox mid-determinazzjoni ta' l-oggett ta' l-appell u dan jirrendih improducibbli ta' effetti processwali (tamquam non esset).
>
> […]

In ottemperanza ghal dan il-proviso l-Qorti ezaminat id-dixxiplina generali tal-korrezzjoni taht l-Artikolu 175 (2) pero` hi tal-fehma illi dan il-provvediment ma seta' jkun ta' ebda ghajnuna ghall-qaghda ta' l-appellanti ghaliex hawn non si tratta ta' semplici zball fl-iskrittura ta' l-appell li jista' jissewwa izda minn ommissjoni kompleta ta' l-oggett tat-talba, u, allura, tar-raggungiment ta' l-iskop volut mill-appellanti ghal liema introducew l-appell. Il-Qorti lanqas ma tara illi l-istess skrittura kienet salvabbli taht l-inciz (5) ta' l-Artikolu 143 tal-Kodici ghaliex is-sens ta' dan il-provvediment jipresupponi qabel kollox illi r-rikors introduttiv ikun tabilhaqq jikkontjeni t-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil predisposta fl-Artikolu 142 (2), u dan hawnhekk ma huwiex il-kaz ghaliex talba bhal dik lanqas biss giet proposta;

Iddur fejn iddur, fil-hsieb profess tal-Qorti, ebda rimedju ma kien jidher possibbli jew permissibbli ghar-ri-empiment tal-lakuna lampanti ommessa, sija jekk bi zvista, b'dizattenzjoni jew b'negligenza u tali qaghda ma setghetx hlief taghmel l-appell mhux suxxettibbli ta' sanatorja." [ara wkoll: **M R vs J R** (Appell, 14/05/2010)].

13. Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament u tagħmlu tagħha. Għalkemm huwa minnu li llum il-ġurnata l-Qrati joqogħdu kemm jista' jkun il-bogħod mill-formaliżmu esaġerat dan ma jfissirx li huwa permissibbli li skritturi ġudizzjarji jkunu neqsin minn elementi bażilari u essenzjali għall-validità tagħhom. **L-appellant ingħata fakoltà kif irid l-Artikolu 143(5) tal-Kap. 12 biex jirrimedja għan-nuqqas iżda baqa' ma għamilx dak li jipprovdi l-provvediment tal-liġi fiż-żmien mogħti bl-istess artikolu.** Bin-nuqqas tagħhom li jagħmlu xi forma ta' talba lil din il-Qorti, l-atturi poġġew lill-Qorti f'sitwazzjoni fejn effettivament ma tistax tagħti deċiżjoni skont il-liġi peress li deċiżjoni ta' din il-Qorti trid neċessarjament tingħata fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet.

14. Għaldaqstant l-appell intavolat mill-atturi huwa null u l-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, tiddikjara li r-rikors tal-appell tal-atturi huwa null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

Spejjeż kollha jitħallsu mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr